MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 116/2013

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Grixti Terence K.I. 527184(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' sitt mija u sebgħa u għoxrin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€627.96.) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni ma' Bundle 10 Service Agreement, kont numru *A/C 40159593*, u li jinkludi t-telefon 21234131; u s-servizzi tat-televiżjoni 1425118507 u 1425137856, liema servizzi ġew ikkuntratti permezz tal-kuntratt datat 18 ta'

Ottubru 2010 u li ġew mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u fit-terminu ulterjuri konċess mit-Tribunal u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta’ sitt mija u sebgħa u għoxrin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€627.96.), bl-imgħax legali dekorribbli mid-29 ta’ Mejju 2012, li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 1147/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------